KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
HAL LIJA
TEL NO : 21416111 FAX : 21416941
EMAIL : lija.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

It-Tnejn 9 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

**77.1 Introduzzjoni**

77.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.15hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

77.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 76 ta' 4 ta' Ġunju 2018.

77.1.3 Kien hemm 'addition' waħda fil-minuti u fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Salvu Farrugia minuti nr 76 ta' 4 ta' Ġunju 2018 ġew approvati unanimament.

**77.2 Punti mqajma mill-minuti**

77.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qajmet il-punt fuq il-minuti fejn kien hemm bżonn li jsir *weeding* fi Triq Geraldu Azzopardi.

77.2.2 Is-Segretarju nfurmat li marret hi personali imma ma kienx hemm bżonn *weeding*.

77.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għaddiet suġġeriment li għall-ħarġa ta' Għawdex ikunu mistiedna parti mill-ħaddiema tal-Kunsill kemm klerikali u tal-maintenance bħala ringrazzjament tal-ħidma tagħhom.

77.2.4 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment, is-Segretarju ssuġerit ukoll li jekk il-Kunsill jaqbel li għal din il-ħarġa mhux idejali li jkunu mistednin il-ħaddiema minħabba l-ispejjes.

77.2.5 Fuq Jum Ħal Lija, is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li Jum Ħal Lija marret tajjeb ħafna u l-istalls ħadu gost ħafna li pparteċipaw.

**77.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST**

77.3.1 Talba mingħand residenta li toqgħod fi Triq Ramiro Barbaro. Hija għamlet ilment li fi triq hemm żewġ gutters li minnhom joħorġu l-wurdien. L-uffiċċju rraporta lis-Sanita' biex jintefa' xi velenu apposta. Pero huma rrispondew li dik hija responsabbilta tal-Kunsill li jqabbad kuntrattur privat li jagħmel *fumigation* gol-gutters.

77.3.2 Il-Kunsill iddiskutew din it-talba u ġie deċiż li jista' jinxtara trab imħallat bl-ilma u anke ssir xibka fuq kull gutter fir-raħal. Dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

77.3.3 Talba mingħand residenta li toqgħod numru 71, Triq Sant'Andrija biex issir U-Bar quddiem il-bieb tagħha minħabba safety. Il-karozzi mhux l-ewwel darba li jitilgħu fuq il-bankina u jkissruha u jkunu ta' periklu li jistgħu jolqtu lilha jew lin-nies li jkunu għaddejjin minn fuq il-bankina.

77.3.4 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u kkonfermaw li din il-U-Bar tkun kontra l-liġi.

77.3.5 Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Carmelo Farrugia biex issa li għamel garage u li ser iwaħħal il-bieb tal-garage dalwaqt jixtieq il-parking bay li bħalissa hija bajda ovvjament tkompli mal-kumplament u ssir safra.

77.3.6 Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

77.3.7 Request mingħand il-gwardjani biex fejn l-iskola fi Triq Robert Mifsud Bonnici jsir parking ta' disabled bħal ma hemm fil-pjazza. Dan għaliex kelmuha xi ġenituri li għandhom it-tfal b'diżabilta' u jixtiequ għajnuna biex jkunu jistaw jiefqu viċin tal-entratura ta' l-iskola.

77.3.8 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u għandu jiġi ċċekkjat fejn eżatt jista' jsir dan il-parking għal persuni b'diżabbilita'. Għandhom imorru s-Segretarju flimkien mal-Minority Leader is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

77.3.9 Il-gwardjani qed jagħmlu talba ukoll biex jsiru żewġ sleeping policemen waħda qabel l-iskola u l-oħra kif taqbiżha halli jitnaqqas l-overspeeding għax il-ġenituri u l-headmistress qed jgergru immens.

77.3.10 Il-Kunsill ma jaqblix ma dan it-talba u qed esiġi li jsir iktar enforcement mill-gwardjani kif suppost skond is-signs.

77.3.11 Talba mingħand xi residenti li joqgħodu Triq Preziosi faċċata fejn hemm Philmar store. Dan hemm sqaq jinfed, li huwa parti minn Triq Preziosi u r-residenti stess qed jipparkjaw il-karozzi tagħhom u jagħlqu l-passaġġ kompletament. In-nies li jgħixu hemmhekk anqas biss jkunu jistgħu joħorġu mill-bieb tad-dar aħseb u ara jgħaddu bil-mixi jew bi pushchair jew bil-wheelchair. Hemmhekk hemm tow zone signs u l-Kunsill anke bagħat għal gwardjani biex jagħmlu r-rotta.

77.3.12 Fuq din it-talba, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha ta' dawk l-inħawi li qed jirċievu ħafna ilmenti li n-nies ma jistawx joħorġu minn darhom lanqas wheel chair ma jgħaddi, u li qed jitolbu l-koperazzjoni tagħhom billi joqgħodu attenti kif jipparkjaw għax inkella l-Kunsill ikollu jagħlaq l-isqaq għall-parkeġġ.

77.3.13 Talba mingħand resident biex issir sleeping policeman fi Triq Annibale Preca id-direzzjoni tal-Knisja tal-Mirakli.

77.3.14Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

77.3.15Talba mingħand resident biex isiru l-linji u parking bays ta' Triq Kardinal Ferretti u anke ta' Triq Egidio Lapira għax dawn qatt ma kienu saru.

77.3.16Din it-talba anke saret minn resident ieħor u qal li lines huma importanti għax kulħadd qed jipparkja kif jrid bħalissa.

77.3.17Il-Kunsill reġgħa ddiskuta din it-talba u d-deċiżjoni kienet bħal ma kien diġa ddiskuta, li jekk isiru l-lines kif suppost bil-liġi, il-parking spaces ser jonqsu għaldaqstant aħjar kulħadd jipparkja kif irid.

77.3.18Dawn ir-residenti għandhom jiġu nfurmati bit-telephone u permezz ta' ittra.

77.3.19Resident ieħor xtaq iressaq dawn l-ilmenti lill-Kunsill dwar il-parking fil-housing estate. Dan ir-resident għandu garage fil-housing estate u kien xtaq jagħmel double yellow lines fil-ġnub tiegħu. Din it-talba kienet saret ġiet approvata mill-Kunsill u TM. Kif il-ħaddiema tagħna kienu sejrin jagħmlu dawn il-linji ħarġu u ċemplu xi residenti mill-housing estate fejn qalu li huma għandhom ħafna problemi biex jipparkjaw u li dan ir-resident diġa għandu 'keep clear' u li s-Sur Micallef kif inhu joħroġ.

77.3.20Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ma qabilx li għandhom isiru il-yellow lines mal-ġenb tal-garage peress li huwa għandu spazju biżżejjed biex ikun jista joħroġ, barra minn hekk dan ir-resident għandu ukoll 'Keep Clear' u bollards quddiem il-garage anzi irid jiġi ċċekkjat jekk dawn il-bollards sarux bil-permess.

77.3.21Lir-resident għandna ngħidulu li jekk il-passaġġ jiġi sgrombrat, il-Kunsill jieħu azzjoni immedjata.

77.3.22Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqet tressaq dawn it-tlett talbiet mingħand resident. Biex titneħħa l-pjanta li hemm fin-nofs fi Triq il-Forn fi Sqaq Nru.1, rigward id-double yellow lines quddiem il-garage li jinsab fi Triq il-Forn ħdejn l-isqaq nru.1 kif ukoll biex jitneħħa parking space mill- isqaq nru.1 Triq il-Forn.

77.3.23Fuq li titneħħa l-pjanta l-kbira, il-Kunsill iddeċieda li l-ħaddiema għandhom imorru jduru fir-raħal u anke l-Kunsilliera u jgħidulna liema ħwat jaħsbu li qed jisgrombraw u wara li jikkonferma il-Kunsill, jaraw li dawn jitneħħew.

77.3.24Fuq li jitneħħa l-parking bay f'dan l-isqaq, il-Kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu lill-Perit biex nipprovaw inħallu passaġġ.

77.3.25Fuq l-aħħar talba li jitneħħa double yellow line minn quddiem il-garage, il-Kunsill iddeċieda li għandha tiġi *forwarded* l-email li l-Kunsill irċieva mingħand il-pulizija biex nuru li l-Kunsill għamel il-parti tiegħu.

77.3.26 Is-Segretarju nfurmat li l-evalwazzjoni ta' tender rigward it-tindif tal-Public Convenience li saret bil-BBQR irid jiġi deċiż mill-Kunsill li nqabdu Accountant, Avukat u persuna teknika biex tevalwa din it-tender. Dan sakemm il-Kunsilliera ma jieħdux il-kors fuq l-EPPS li ser isir mill AKL.

77.3.27 Għandna terġa tintbagħat l-email bid-deadline lill-Kunsilliera li rċevejna mill-AKL rigward il-kors għall-Kunsilliera fuq l-adjudication tat-tenders.

77.3.28 Is-Segretarju nfurmat dwar l-importanza ta' dan il-kors speċjalment li s-sena d-dieħla ser jagħlqu sitt tenders.

77.3.29 Għal din it-tender speċifikament peress li saret bil-BBQR, il-Kunsill qabel li għandna nqabbdu Accountant, avukat u bniedem tekniku biex jevalwa it-tender tal-public convenience.

77.3.30 Resident qiegħed jerġa' jressaq it-talba lill-Kunsill rigward l-istat ta' triq fi Triq Annibale Preca eżatt ħdejn ir-road hump ta' ħdejn il-biotechnology centre għar-raġuni mhux ghax ir-road hump għolja imma għaliex it-triq ħdejn eżatt ir-road hump qeda tisfronda u b'hekk saret ħsara lill-vettura tiegħu.

77.3.31 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lill-Kuntratturi ta' Ganado biex joqgħodu attenti bil-heavy vehicles meta jidħlu fis-site.

77.3.32 Fuq il-ħofra din għandha tissewwa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

77.3.33 Tressqet ittra mingħand ir-Recycling Malta Textile b'kollaborazzjoni ma' AKL. Textile Waste Collection Cooperation hija kumpanija li tiġbor ħwejjeġ, handbags, żraben etc…. b'xejn *door to door.* Dawn il-boroż jinġabru minn wara l-bibien tan-nies u mbagħad jagħmluhom fil-kantunieri ta' toroq u jibġruhom.

77.3.34 Is-Segretarju nfurmat li dawn ser jinġabru f'ħin differenti li jinġabar il-garbage fir-raħal.

77.3.35 Il-Kunsill iddeċieda li diment li dawn il-ħwejjeġ jinġabru f'boroż apposta bil-logo tal-kumpanija jaċċetta, jekk le ma jaċċettawx.

77.3.36 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet fakkret li kellha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-forn, in-naħa ta' Tabor House, xi sebgħa familji b'kollox fejn ngħidulhom li qed nirċievu ħafna lmenti li mhumiex iżommu mal-kalendarju tal-ġbir ta' skart, ħġieġ u recycling. Ma' din l-ittra għandha tintbagħat ukoll it-time table ta' kif u meta jinġabar l-iskart kollhu minn Ħal Lija.

77.3.37 Is-Segretarju ressqet tlett applikazzjonijiet għal post għall-Segretarju Eżekuttiv. Hija qalet li minn dawn it-tlieta wieħed biss huwa eliġibbli għax huwa wieħed mill-lista tas-Segretarji prospettivi (Pooling) li irċevejna mid-Dipartiment.

77.3.38Il-Kunsilliera raw l-applikazzjonijiet u filwaqt li dan għandhu jiġi intervistat mill-Bord għandna nistaqsu lil HR tad-Dipartiment x'jiġri f'dan il-kas li applika wieħed biss.

77.3.39Resident li joqgħod fi Triq il-kbira qed jagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex isir bollard ħdejn ir-residenza tagħhom li hi l-*block of flats* li jmissu ma' Villa Lia għaliex it-trucks ta' delivery qegħdin jolqtu dan il-ħajt li hija li jinstab ftit il-barra. Allura qabel ma jirranġawh qed jitolbu li jsir dan il-bollard. Huma qalu li mhux bilfors li jsir mill-ispejjes tal-Kunsill. It-tip ta' bollard li jrid isir għandu jkun b'saħħtu tal-ħadid.

77.3.40Il-Kunsill qabel ma din it-talba diment li tiġi approvat mit-TM.

77.3.41Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi, ressqet ilment fuq Triq Kardinal Ferretti li hija *area prone* għal l-inċidenti u ġie ssuġerit li jsiru bollards.

77.3.42Ġie deċiż mill-Kunsill li jsir iktar enforcement mill-gwardjani lokali minn Triq Kananea peress li l-karozzi jgħaddu *two way* meta minn Triq Kardinal Ferretti inti ma tistax toħroġ għal Triq Annibale Preca speċjalment filgħodu waqt il-ħin tax-xogħol.

77.3.43Is-Sindku qalet li għandna nitolbu laqgħa mat-TM biex nitkellmu fuq diversi issues speċjalement fuq il-bollards ta' Mosta Road u anke nistiednu n-nies biex jipparteċipaw fil-laqgħa.

77.3.44Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq dak il-post li qiegħed fi Sqaq numru 2 fi Triq Preziosi li għandu l-bieb miftuħ.

77.3.45Dan l-ilment għandu jiġi mogħddi lill-Pulizija mmedjetmaent.

77.3.46Is-Sindku tkellmet ukoll fuq post ieħor li bagħtu jgħidulha li huwa perikoluż fi Triq Il-Forn.

77.3.47Il-Kunsill qabel li għandu jiġi kkuntatjat dik il-persuna li issa hija l-propjetarju ta' dan il-post minħabba l-periklu li fih.

## 77.4 PROĠETTI LI SER ISIRU MILL FONDI TAL-UIF

77.4.1 Is-Sindku tkellmet fuq il-mejda tal-Kunsill li għandna bejn wieħed u ieħor €47,000 mill-UIF u €11,000 mill-fondi tar-Reġjun.

77.4.2 Hija qalet li pprovajna nagħmlu l-ground tal-5 aside u l-ground tal-play area bil-multipurpose flooring imma ma konniex ser nieħdu dawn il-fondi jekk ma nirranġawx is-safety kollu li hemm bżonn f'din l-area.

77.4.3 Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoni mingħand kuntrattur biex jiġi patched bil-concrete Hal Mann temporanjament għall-prezz ta' €4997.30 bil-VAT inkluż.

77.4.4 Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni li tista tingħata direct order għax hija inqas minn €5000.

77.4.5 Dawn ix-xogħolijiet huma urġenti għalhekk rridu mmedjetament ngħidu lill-kuntrattur tal-ħaxix biex qabel ma jinbeda x-xogħol jinqata l-ħaxix kollhu f'din l-area. Biex isiru dawn ix-xogħolijiet it-triq tkun trid tingħalaq għal xi jumejn.

77.4.6 Irridu niċċekkjaw mill-liema fondi dawn ix-xogħolijiet ser jitħallsu, irid jiġi ċċekkjat mill-MEPA jekk inkunux nistgħu nużaw il-fondi tal-UIF, jekk le jridu jitħallsu mill-fondi tar-Reġjun.

77.4.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija tablet kwotazzjoni lil l-istess kuntrattur għal *scarifying* f'tal-Mirakli sa ftit il-fuq mill-Mitħna u jsir il-patching kollu madwar t-trinka xi pied fuq kull naħa.

77.4.8 Is-Segretarju nfurmat li rridu nsibu kuntratturi u nġiebu l-kwotazzjonijiet oħra peress li ma nkunux nistgħu nqabbdu l-istess kuntrattur.

77.4.9 Is-Sindku qalet ukoll li sadanitant, qed nistennew kwotazzjoni għar-rubber flooring fil-playarea fejn hemm mil-bandli. Għandha terġa tintbagħat reminder fuq dan.

77.4.10 Is-Sindku kompliet tgħid li wara li naraw kemm ser jiġu jiswew dawn ix-xogħolijiet kollha, naraw jekk ikollniex biex nibdew xi ħaġa żgħira fuq il-proġett tal-lampi u għandna nibdew billi naraw fejn hemm bżonn li jiżdiedu iktar lampi.

77.4.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet mal-Kunsill fuq il-laqgħa plenarja li hija kienet attendiet is-Sibt 7 ta' Lulju 2018 organiżżata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

77.4.12 Hija qalet li fost affarijiet oħra tkellmu fuq l-akbar problema li għandna bħala Kunsilli hija li m'aħniex skond il-liġi fir-rigward il-permessi ta' inġenji li jingħataw mill-Kunsill Lokali.

77.4.13 Dawn suppost qabel ma jingħataw iridu l-ewwel jinħarġu fil-gazzetta tal-Gvern.

77.4.14 Hija kompliet tgħid li jekk ma jinħarġux fil-gazzetta tal-Gvern u jingħata l-permess ta' 'No Parking' u jekk ikun hemm karozzi li ma jobdux din is-sign, il-Pulizija ma jkunux jistgħu jagħmlu xejn minħabba l-liġi tad-Data Protection Act.

77.4.15 Is-Sindku nfurmat li għalissa ser nibqgħu kif aħna sejrin u konna sejrin sakemm il-Gvern jagħmel dikjarazzjoni differenti.

77.4.16Is-Sindku qalet li ma kienx hemm qbil bejn is-Sindki preżenti fuq dan.

## 77.5 UPDATE FUQ L-ERASMUS

77.5.1 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update* fuq l-Erasmus project wara li ġiet lura mill-APV meeting, fil-Polonja.

77.5.2 Hija nfurmat li marret tajjeb u daret xi hostels biex tkun tista tibbukkja l-istudenti meta jmorru f'Ottubru.

77.5.3 Il-Viċi Sindku nfurmat fuq il-programm li ġie imħejji għal dan il-proġett.

77.5.4 Il-Viċi Sindku nfurmat li kellha tbiddel id-dati mill-14 sal 21 t'Ottubru minħabba l-prezz ta' l-ajru. Minħabba li hemm ġurnata żejda l-istudenti jridu jħallsu l-ispejjes kollha ta' din il-ġurnata.

77.5.5 Hija nfurmat li ser isiru l-cards tat-travelling għal kull parteċipant u trid issir Insurance individwalment.

77.5.6 S'issa hemm madwar 13-il parteċipant li ser jieħdu sehem u ser tinħareg flyer li ser titqassam fl-iskejell u kulleġġi.

77.5.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li kienet ser tattendi għal Erasmus project ġewwa l-Polonja.

## 77.6 FESTA TAS-SALVATUR 2018

77.6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat li hija flimkien mal-Kunsill għal min ikun jista ser tagħmel laqgħa mal-bar owners ta' l-għaqdiet, każini, clubs, bars biex tagħmel ċert li jkun hawn l-ordni matul il-festa u jiġu diskussi xi issues fuq il-Festa 2018 bħala permessi.

77.6.2 Is-Sindku, nfurmat lill-Kunsilliera biex min ikun ser jattendi kulħadd għandu jiġi bil-proposti tagħhom.

77.6.3 Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju fil-11.00a.m. għalhekk kulħadd ser jiġi nfurmat b'ittra.

77.6.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet ukoll li ser tagħmel laqgħa mal-Pulizija ukoll biex tiddiskuti t-traffiku fi żmien il-ġranet tal-festa.

77.6.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet talba mingħand l-għaqda ta' Nar San Mikiel rigward ħlas tal-Fire Engine għal Festa tas-Salvatur 2018 bejn wieħed u ieħor għal prezz ta' € 1,400.00.

77.6.6 IL-Kunsill qabel li jagħti dan is-servizz tal-Fire Engine bħala Health and safety fil-Festa tar-raħal u għalhekk il-Kunsill ser iħallas dan is-servizz.

77.6.7 Is-Segretarju nfurmat kif kienu diġa avżati l-Kunsill fuq it-talba li NET TV bagħtu rigward żewġ *parking spaces* maz-zuntier min-naħa ta' fejn toqgħod residenta partikolari minħabba l-filming ta' Jum il-Festa. Huma qed jitolbu li jsiru minn ġurnata qabel mill-05 t'Awwissu 2018.

77.6.8 Il-Kunsilliera qablu ma din it-talba.

77.6.9 L-Owner tal-Villaġġ xtaq jagħmel talba li apparti bħas-soltu li jagħmel il-permess tal-mwejjed u s-siġġijiet qed jitlob permess lill-Kunsill biex Iġib duo musicians fit-3 t'Awwissu fil-ġimgħa tal-festa biex idoqqu ftit mużika . Dawn ser ikunu eżatt fejn l-entratura tal-bieb tal-ħanut mhux ser idumu aktar mill-11:00p.m. mhux ser tkun lanqas loud music u ovvjament x'ħin tgħaddi l-banda dawn jiefqu.

77.6.10Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li nistaqsu lil tal-Villaġġ biex naraw x'tip ta' mużika ser ikollu u trid tkun mingħajr amplifiers.

77.6.11Biex tiġi aċċetta din it-talba, irid jiġi ċċekkjat mal-pulizija jekk jgħaddix il-marċ u jekk hux ser tingħalaq it-triq fit-3 t'Awwissu 2018.

77.6.12Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsill li kien għamel kuntatt xi ħadd li jixtieq jarma bil-ġelati.

77.6.13Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li jekk irid jarma, jista biss jarma, diment li jkun hemm post, in-naħa t'isfel fi Triq it-Trasfigurazzjoni.

77.6.14Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill li jrid jideċiedi rigward il-ġbir ta' skart lejliet il-festa minħabba li l-5 t'Awwissu ser jaħbat il-Ħadd. Bħala rata hija l-istess rata ta' kuljum li hija ta' €117.80c. Rigward il-ġurnata tal-festa il-ġbir ta' skart isir regolari pero nkellmu lill-kuntrattur biex dak inhar sa 1:00p.m ikun inġabar kollu. L-għada tal-festa ser jaħbat recycling day allura l-Kunsill irid jideċiedi jekk hux ser tinġabar ukoll il-boroża s-sewda.

77.6.15Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-arranġamenti ta' hawn fuq anke biex nhar it-Tlieta 7 t'Awwissu, l-għada tal-Festa, trid tinġabar kemm il-borża s-sewda u kemm il-borża tar-recycling.

77.6.16Is-Segretarju tkellmet fuq il-knis fi żmien il-festa extra sweeping 4th, 5th and 6th August huwa *free of charge* imma l-Kunsill irid jiddeċiedi fuq extra sweeping bejn it-Tnejn bil-lejl u tlieta filgħodu u filgħodu isir ir-ronda nomali.

77.6.17Il-Kunsill approva li jsir extra sweeping bejn il-lejl tas-6 t'Awwissu u is-7 t'Awwissu.

77.6.18Il-Kunsill qed jitlob li jew ikun hemm knis bil-lejl wara l-Festa u ssir ir-ronda tas-soltu it-Tlieta 7 t'Awwissu jew inkella jiġu grupp ta' ħames kenniesa flimkien it-Tlieta 7 t'Awwissu filgħodu.

77.6.19Is-Segretarju nfurmat li rigward il-bins staqsejna għall-kwotazzjonijiet għal 22 bins u għal ġbir ta' l-boroż u t-tindif tal-bins.

77.6.20Il-Kunsill qabel unanimament mal-kiri ta' dawn il-bins.

## 77.7 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

77.7.1 Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsilliera tlett peremessi mingħand il-MEPA fuq sites differenti biex il-Kunsill jara jekk jixtieqx jgħaddi xi konsultazzjoni fuq dawn il-permessi. Dawn kienu PA05090/18, PA05211/18 u PA051371/18.

77.7.2 Il-Kunsill ma kellu ebda konsultazzjoni xi jressaq fuq dawn il-permessi.

## 77.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

77.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamentigħax-xahar ta' Lulju 2018.

77.8.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2018 ġew approvati unanimament.

77.8.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-petty cash għax-xahar ta' Lulju 2018 ġiet approvata unanimament.

## 77.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

77.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:40p.m.u ġiet aġġornata għal laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2018, fil-5:00p.m.

77.9.2 Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa l-oħra li jmiss wara ta'Lulju tkun nhar it-Tnejn it-Tlieta ta' Settembru 2018.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv